TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Deciżjoni Nru. 309

Kaz Nru. 418

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alfred Gatt

u

Captain Morgan Cruises

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 7 ta' Gunju, 1988

Chairman: Mr. Carmel Debono

## 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fis-27 ta' Ottubru, 1986, skond il-provvedimenti tal-Artikolu 28 (2) tal-Att XXX ta' l-1976.

It-Tribunal Industrijali zamm seba' laqghat, l-ewwel erbgha minnhom taht ic-Chairman is-Sur A.H. Camilleri li rrizenja ghall-ragunijiet personali. Fil-hames seduta c-Chairman ta' dan it-Tribunal iddecieda li jkompli jisma' l-kaz.

L-appellant Alfred Gatt kien assistit mis-sinjuri Tony Zarb u Charles Briffa, Segretarju u Assistent Segretarju rispettivament tat-Taqsima Port u Transport tal-G.W.U.

Captain Morgan Cruises kienet ipprezentata mis-sur Alfred Magrin li assista lis-sur Adrian Zammit Tabona, Direttur tal-Kumpanija.

.../2

2. STATEMENTS OF CASE

(a) Ghall-appellant is-sur Tony Zarb ikkontenda li Alfred Gatt li kien ilu jahdem mal-Kumpanija Captain Morgan Cruises ghall-sitt (6) snin bhala bahri gie mkecci ingustament fl-11 ta' Lulju, 1986 wara li naqas jirraporta ghax-xoghol gurnata ta' qabel wara li waqfitlu l-karozza privata tieghu meta kien sejjer ghax-xoghol.

Is-sur Tony Zarb qal li Alfred Gatt qabbad il-mara ccempel lill-Kumpanija u tahidilhom bli gralu zewgha u titlob li jinghata l-gurnata bhala leave.

Is-sur Tony Zarb ssostna li kien sar attentat mill-kumpanija biex iggieghel numru ta' impjegati fosthom Kaptani tal-lanec li topra Captain Morgan Cruises fix-xoghol taghha biex jiffermaw karta li ma jridux lill-appellant jahdem maghhom.

Barra minn hekk, is-sur Tony Zarb issottometta li l-appellant kien gie transferit bosta drabi minn lanca ghall-ohra bil-ghan li jinhadem pjan halli Alfred Gatt jigi mkecci. Aktar tard, waqt it-trattament tal-Kaz, is-sur Charles Briffa ghall-appellant sostna li dan il-pjan kien dovut lejn il-fatt li xi zmien qabel, bejn wiehed u iehor 5/6 snin kien hemm attentat biex l-impjegati ta' Captain Morgan Cruises jidhlu membri fil-General Workers Union u li ghalih il-Kumpanija irrejagixxit billi f'laqgha mghajta mid-Diretturi l-impjegati gew mhedda li dan kien jista' jirrizulta billi l-Kumpanija torbot il-lanec taghha u zzarma.

(b) Ghall-Kumpanija, Captain Morgan Cruises, is-sur ~~Charles~~ Alfred Magrin irrisponda li Alfred Gatt kien gie mkecci minhabba id-'disobbidjenza kontinwa u nuqqas ta' rispett lil wiehed mid-Diretturi".

Is-sur Magrin sostna li l-incident tal-karozza u dak li gara sussegwentament fl-Ufficju tal-General Manager, ma kienx kaz izolat izda l-ahhar wiehed f'sensiela ta' mgieba hazina fuq ix-xoghol. Is-sur Magrin zied jghid li Alfred Gatt kellu "relazzjoni" hazina ma' shabu fuq ix-xoghol, ma jaqdix dmiru tajjeb u kellu "disruptive influence" fuq shabu. Is-sur Magrin qal li Gatt kien gie mwissi kemm il-darba verbalment u kien gie mwissi f'zewg okkazzjonijiet ohra bil-miktub, li Gatt ma ffermax.

Is-sur Magrin qal li t-transfers li ghamlet il-Kumpanija lill-appellant kienu bisforz biex Gatt isib postu, attentat li ma rnexxix u ghaldaqstant Captain Morgan Cruises ma kellha l-ebda alternattiva ghajr li tillicenzja lill-appellant.

3. <u>XHIEDA</u>

(a) <u>Prodotti mill-appellant</u> (Kif Dehru)

| | |
|---|---|
| Is-sur Josepg Gatt | - Bahri |
| Is-sur Charles Scerri | - Deckhand |
| Is-sur Anthony Desira | - Administrative Officer |
| Is-sinjura Polly Gatt | - Mart l-appellant |
| Is-sur Mario Azzopardi | - Eng. Driver |
| Is-sur Anglu Gilford | - Barman/Deckhand |
| Is-sur L. Henwood | - Coxwain |
| Is-sur J. Cauchi | - Marine Engineer |
| Is-sur Alfred Gatt | - Appellant |

(b) <u>Prodotti Mill-Kumpanija</u> (Kif Dehru)

| | |
|---|---|
| Is-sur G. Zammit Briffa | - General Manager |
| Is-sinjorina A. Vassallo | - Gwida tat-Turisti |
| Is-sur V. Vella | - Master |
| Is-sinjorina M. Francica | - Gwida tat-Turisti |

| | |
|---|---|
| Is-sur Emmanuel Spiteri | - Kaptan |
| Is-sur Frans Azzopardi | - Bahri |
| Is-sur C. Grech | - Kaptan |
| Is-sur John Vella | - Master |
| Is-sur A. Zerafa | - Coxwain |
| Is-sur P. Grech | - Assistant Manager |
| Is-sur A. Desira | - Administrative Officer Labour Office |
| Is-sur Adrian Zammit Tabona | - Direttur |
| Is-sur Michael Zammit Tabona | - Direttur |

4. DOKUMENTI

Il-Kumpanija Captain Morgan Cruises ipproducit taht gurament tlett kppji veri ta' tlett written warnings datati: 1 ta' Gunju, 1986, 10 ta' Lulju, 1986, u 11 ta' Lulju, 1986, li l-appellant ma ffirmax u li accetta quddiem dan it-Tribunal tnejn minnhom jigifieri l-ahhar tnejn u qal li ma ghandux rikonoxxenza ta' l-ewwel wiehed.

5. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Iz-zewg partijiet fis-sottomissjonijiet finali generalment zammu l-linji originali fl-istatements of case izda ziedu b' kommenti fuq dak li hareg waqt is-smiegh tax-xhieda.

Is-sur Charles Briffa sostna li d-Diretturi tal-Kumpanija kellhom bjazinu kontra d-dhul tal-impjegati taghhom fil-General Workers Union u ghaldaqstant dan kien il-motiv biex l-appellant jigi mkecci. Sar accenn ukoll dwar diskors allegat li ntqal mill-Administrative Officer tal-Labour Office li kellu l-inkarigu jlaqqa liz-zewg partijiet f'laqgha ta' konciljament. Minn naha tal-Kumpanija gie ripetut l-attegament u d-diportament tal-appellant u l-attentat tal-Kumpanija li tipprova issiblu xoghol biex jazzetta.

.../5

Il-Kumpanija regghet irrepetit l-akkuzi originali li l-appellant ma kienx jaqdi dmirijietu, ma jaqbilx lanqas ma shabu fuq ix-xoghol, jgib ruhu hazin mas-superjuri tieghu u ma kienx jiddeporta ruhu sewwa mat-turisti.

Il-Kumpanija cahdet li t-tkeccija tas-sur Alfred Gatt kienet ghax kien membru tal-General Workers Union u spjegat li kieku dan kien il-fatt, il-Kumpanija ma kellix ghalfejn tistenna u tiehu pacenzja bl-appellant hames (5) snin.

Is-sur Briffa ghall-appellant qal li hafna mill-incidenti imsemmija mill-Kumpanija bhala nuqqasijiet ta' dmirijiet ma kienu xejn hlief dak li jigri kulljum normalment fuq il-post tax-xoghol u li certament ma kellhom qatt iwasslu biex l-appellant jigi mkecci, biex gie ikkagunat tbatija lill-Gatt u l-familja tieghu ghall-ghaxar (10) xhur sakemm sab xoghol iehor.

Staqsa wkoll is-sur Briffa x'kien l-uzu u l-utilita tal-annual leave ghall-impjegati jekk ma setghux jaghmlu uzu f' cirkostanzi bhal dik li nqalatlu l-appellant meta waqfitlu l-karozza.

## 6. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Dan it-Tribuanl Industrijali wara li ezamina x-xhieda kollha u stharreg sewwa li statements of case taz-zewg partijiet, kif ukoll is-sottomissjonijiet finali jiddirlu li ghalkemm sar accenn qawwi fuq l-incident tal-karozza privata ta' l-appellant, meta waqfitlu waqt li kien sejjer ghax-xoghol, dan ma kienx ir-raguni wahdanija u / jew primarja li wasslet ghat-tkeccija ta' l-appellant, anke jekk wiehed jiehu f'kunsiderazzjoni dak li ntqal bhala rimarka mill-appellant lill-wiehed mid-Diretturi.

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li anke f'dan ir-rigward l-appellant ma zammx perspettiv ragunat tal-konsegwenzi u seta' liberament fl-ewwel lok irraporta ghax-xoghol xorta wahda specjalment meta fi kliemu stess kien wassal il-karozza quddiem ir-residenza tieghu kmieni bizzejjed u fit-tieni lok zamm lura milli jghaddi ir-rimarka lid-Direttur.

Jidher izda li generalment id-diportament ta' l-appellant kemm fuq ix-xoghol, ma shabu u ma ohrajn ma kienx skond dak li kienu jitolbu d-doveri. Ghal dak li ntqal dwar il-mottiv tat-tkeccija ta' l-appellant jigifieri ghax kien membru tal-GWU u minhabba l-fatt li l-kumpanija kienet kontra s-shubija ta' l-impjegati taghha fil-Union, dan it-Tribunal isibha difficli li jaqbel ma dan l-argument anke jekk kien veru li wiehed mid-Diretturi wera antipatija lejn l-Union, ghax fix-xhieda tieghu stess l-appellant xehed li qatt ma qal lill-Kumpanija li kien membru fil-Union, u lanqas qatt ma ilmenta mal-Union dwar it-transfers li qala barra mill-ahhar okkazjoni li kienet it-terminazzjoni tal-impieg.

Lanqas ma jista' dan it-Tribunal jaqbel li seta' kien hemm kumplott organizzatt mill-Kumpanija bil-partecipazjoni ta' numru kunsiderevoli ta' impjegat ta' kull grad biex Alfred Gatt jigi mkecci.

Dan it-Tribunal wisq jibza li l-appellant Alfred Gatt ghal ragunijiet varji ma kienx addattat biex jaqdi d-dmirijiet tieghu ta' bahri fuq pleasure boats bhal dawk ta' Captain Morgan Cruises fejn id-daqs relattivament zghir tal-lanec u l-kuntatt dirett frekwenti ma' shabu u turisti jitolbu diportament ahjar minn dak mghoti mill-appellant.

Lanqas ma jista' dan it-Tribunal jifhem kif l-appellant deherlu li n-numru kunsiderevoli ta' transfers li gie mghoti kienu dovuti biss minhabba l-esigenza tas-servizz u mhux minhabba xi nuqqasijiet tieghu.

Waqt li hu veru li l-annual leave qieghed biex jintuza mill-impjegati, dan il-leave ma jistax jittiehed minghajr kunsiderazjoni ghall-esigenzi tax-xoghol specjalment fejn nuqqas ta' membru ta' crew ta' lanca relativament zghira jfixkel l-operazjoni tal-lanca.

Dan it-Tribunal jaccetta li dan il-leave jista' jittiehed f'kazi ta' emergenza izda din l-okkazjoni meta l-appellant waqfitlu l-karozza ma taqax fl-opinjoni meqjuza ta' dan it-Tribunal f'din il-kategorija.

Ghalkemm l-appellant ikkontesta wiehed mir-Written warnings, huwa accetta u ammetta li kellu zewg written warnings li huwa ma ffirmax.

7. <u>AWARD TAT-TRIBUNAL</u>

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi, dan it-Tribunal Industrijali wara li stharreg il-kaz kollu fid-dawl tal-Kunsiderazzjonijiet spjegati hawn fuq isib favur Captain Morgan Cruises li t-terminazzjoni tal-Impieg tas-Sur Alfred Gatt kien ghal ragunijiet gustifikati.

Fl-istess waqt dan it-Tribunal ma jidhirlux lis-sur Alfred Gatt kellu ghalfejn jigi mkecci <u>sommarjament</u>, meta jidher car li ma kienx addattat ghad-doveri li kienu mehtiega minnu,

u ghalhekk it-Tribunal jordna li Captain Morgan Cruises ghandha thallas lill-Alfred Gatt is-somma ta' £M256.00,0 (mitejn u sitta u hamsin lira maltin) bhala kumpe-ns li ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data ta' dan l-award.

Javza liz-zewg partijiet li ghall-finijiet ta' hlas tas-servizz mghoti fis-smiegh ta' dan il-kaz, huma regolati u merbuta skond it-termini iffissati mill-Ligi tar-Regolamenti ta' 1986 dwar Drittijiet li jithallsu skond l-Att Nru. XXX ta' 1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali jekk dawn japplikaw f'dan il-kaz.

B'din id-Decizjoni, it-Tribunal Industrijali jtemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

CARMEL DEBONO
CHAIRMAN

CHARLES CHE[illegible]UTI
SEGRETARJU

/ms